~~wieġeb Ibrahim, "Inti daħħaltni m[illegible]għek biex naħdem, m'hux biex ind[illegible] il-frott tas-siġar." Kien jiekol dejjem ħobs niexef imxarrab fl-ilma u kien niexef daqs għuda. Kien jgħid lil ħbieb biex jiċċajta: "Nifraħ lid-deffiena, għax ma nkunx tqil meta jġorruni; imma nagħli għad-dud, għax ma jixbax meta jekolni!"~~

~~Kien jilbes il-farwa bis-suf in-naħa ta' ġewwa, fuq il-laħam, u kien jimxi dejjem ħafi. Talbuh jiktbilhom xi ħaġa fuq id-djiena; qallhom li ma kellux moħħ, għax dejjem ħsiebu fil-mewt u f'li ġej warajha. Lil wieħed ħabib tiegħu darba qallu: "Jekk trid issir raġel tajjeb, tixtieq xejn, la minn did-dinja anqas mill-oħra. Insa lilek in-nifsek, u Alla jimliek bil-ħniena tiegħu".~~

~~Kien jgħaddi ljieli sħaħ jgħid il-litanija tal-Mislmin li jgħidulha t-Twerdin (għax fiha dejjem kliem wieħed: La Ilaħa illa Allaħ... li Ilaħa illa Allaħ... la Ilaħa illa Allaħ... ), u ma jorqod xejn ħlief jongħos ftit bil-qegħda. Billi fid-Din tal-Misilmin Alla għandu mitt isem, u n-nies jafu minnhom disa' u disgħin biss, darba deherlu Elija u l-isem tal-aħħar għallimulu. Qallu: "Kull ma tkun teħtieġ, sejjaħ dan l-isem u ssibu. Imma ara qatt issejjaħ dan l-isem biex tgħakkes jew toqtol lil xi għadu tiegħek, għax jekk tagħmel dan, tmut inti minnu fih. Alla jinsab wisq eqreb lejn il-bniedem milli jaħsbu n-nies tad-dinja. Dan l-isem iġiegħel li min jgħidu isir jista' kollox".~~

~~Darba staqsewh: "Ibrahim, għax ma żżewwiġtx?" Weġibhom: "Liema mara sa tieħu raġel miġwiegħ u maħmuġ bħali? Saħansitra jien, li kont nista' ninfired minni n-nifsi."~~

~~Il-mewt ta' Ibrahim ħadd ma jaf kif ġrat. Jingħad li meta kien qiegħed imut, għeb minn quddiem in-nies li kien hemm ma' dwaru. Anqas il-qabar tiegħu ma jafu fejn hu. Min jgħid li hu midfun f'Damask u min jgħid li f'Bagdad. Dak li hu magħruf huwa biss li Ibrahim miet barra minn art twelidu, fis-sena 161 (sena nisranija 776) meta l-Misilmin kienu sejrin jitqabdu mal-Griegi.~~

~~P. Ubertinu Berti, O.F.M.~~

~~*Il-Misilmin tal-antik, bħall-Insara, meta jmut xi raġel tajjeb, kienu jħobbu jżejjnulu ħajtu b'ħafna għeġubijiet. Għal hekk ta' min jemmen li kien hemm Mislem tajjeb jismu Ibrahim, imma d-dehriet u l-għeġejjeb huma kollha qlajja'. Misilmin nies tajba kien hemm minn dejjem u għad hemm ħafna l-lum ukoll.*~~ ~~(N. tal-E.)~~

# IL-ĠUBLEW TAL-FIDDA

Is-sbatax ta' Awissu li għadda kien jum ta' Festa kbira għall-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Minuri. Mit-tminja ta' filgħodu ma kontx tara fi Triq San Pawl ħlief qtajja qtajja ta' Patrijiet deħlin ferrieħa fil-Kunvent tagħhom tal-Belt. Għaliex dak in-nhar, il-Provinċjal tagħhom, il-W.R.P. Alfons M. Camilleri kien sejjer ifakkar għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-Ewwel Quddiesa Tiegħu. U l-Provinċja kollha nġabret sabiex, kuruna ma' dwaru, tifraħ miegħu u tiżżi ħajr lil Alla.

Fil-Knisja maħnuqa bin-nies, barra minn rappreżentanza kbira tad-diversi Sorijiet Franġiskani, u Sorijiet oħra kien hemm ukoll preżenti l-Wisq Rev.di Patrijiet Provinċjali ta' l-Ordnijiet Reliġjużi l-oħra u xi membri



**IL-W. REV. P. ALFONS ĊAMILLERI, O.F.M., Provinċjal tal-Patrijiet ta' Ġieżu.**

prominenti tal-Kleru Sekulari.

Il-Provinċjal kien assistit fil-Quddiesa minn żewġ patrijiet li miegħu ġew ordnati saċerdoti ħamsa u għoxrin sena ilu: ir-Rev. Patri Definitur Tarcisio Xerri u r-Rev. Patri Vigarju Ġużeppe Scalpello. L-Iskola Kantorum tal-Patrijiet Minuri esegwiet b'perfezzjoni l-Quddiesa "Te Deum Laudamus" ta' Perosi taħt it-tmexxija ta' Patri Ġwakkin Grech li qed jistudja b'suċċess il-mużika sagra ġewwa Ruma.

Wara l-Vanġelu, ġie minsuġ diskors sabiħ ta' l-okkażjoni mill-Kustodju tal-Provinċja, ir-Rev. Patri Lett. Accursio Xerri, li għalqu billi qara l-Barka Apostolika mibgħuta mill-Papa u messaġġi oħra ta' ferħ mibgħutin mill-Ġeneral ta' l-Ordni u mill-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex. Għamluha ta' Parrinijiet, il-Kav. Ġuże' D'Amato, P.E.P., u l-Kav. Antonio Theuma, żewġ benefatturi kbar tal-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Minuri.

Kif spiċċat il-Quddiesa u tkanta Te Deum solenni ta' ringrazzjament, il-W.R.P. Provinċjal, b'fakoltà speċjali konċessa għall-okkażjoni ta l-Barka Papali. Imbagħad dawk kollha preżenti ġew mistiedna għall-riċeviment fil-Hall tal-Kunvent.

F'nofsinhar, il-Provinċja kollha tal-Patrijiet Minuri flimkien mal-Provinċjali ta' l-Ordnijet Reliġjużi l-oħra, mal-parrinijiet u mas-sindaċi Apostoliċi kienu mistiedna għall-mejda. L-Isqfijiet ukoll kienu mistiedna, imma minħabba mpenji oħra ma setgħux jattendu. Qabel il-mejda l-W.R.P. Kustodju f'isem il-Pronvinċja qara indirizz fejn fakkar il-benemerenzi tal-Provinċjal attwali u li wera kemm tassew kien xieraq li jsir dak il-festin familjari bħala tifkira ta' għeluq il-25 sena mill-Ewwel Quddiesa tiegħu u offrielu kalċi sabiħ ħafna bħala tifkira ta' dik l-okkażjoni għażiża. Ma' tul il-mejda Definituri, Gwardjani, Studenti, Novizzi, Fratelli Lajċi, u l-Provinċjal tad-Dumnikani f'isem il-Provinċjali l-oħra kkontribwew b'indirizzi u b'poeżiji biex juru l-ferħ u l-qima tagħhom lejn il-Provinċjal, Patri Alfons Camilleri. Il-Kummissjoni tat-Terra Santa, il-W.R.P. Nikola Magro, qara diskorsi sbieħ bil-latin, li fihom ġabar il-ħidma tal-Provinċjal.

U din il-qima tal-Patrijiet u tal-poplu tassew tisthoqqlu, għaliex Patri Fons fil-25 sena tas-saċerdozju tie-

għu dejjem fittex jaħdem għall-Provinċja maħbuba tiegħu u għall-erwieħ.

Patri Fons twieled fir-raħal tal-Għasri, Għawdex, fil-15 ta' April. 1910. Sa minn ċkunitu kellu ħajra għas-saċerdozju, għalhekk kont taraħ bħala abbati dejjem minn ta' l-ewwel jieħu sehem fil-funzjonijiet tal-Knisja li kienet għadha kif saret Parroċċa. U ta' ħmistax il-sena nsibuh ġa fi ħdan il-Fqajjar t'Assisi. Spiċċa n-Novizjat u pprofissa sempliċi fit-3 ta' Mejju, 1926. Wara li għamel l-istudji tiegħu f'Malta u fit-Toscana, ġie ordnat saċerdot hawn Malta fil-15 ta' Awissu, 1933. Patri Fons sa mill-ewwel snin ta' żogħżitu ddistingwa ruħu fl-istudji u wera intelliġenza mhux komuni, għalhekk is-Superjuri wara l-Quddiesa bagħtuh jissokta l-istudji, l-ewwel fl-Università Antonianum, fejn ħa bl-unuri l-Liċenzjat fit-Teoloġija, imbagħad fil-Pontifiċju Istitut Bibliku fejn ħa l-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa. Kemm dam Ruma għamel kors fil-Paleografija u Diplomatika, kors li swielu ħafna meta ġie magħżul mis-Superjuri ta' l-Ordni membru tal-Kommissjoni Internazzjonali għall-Edizjoni Kritika ta' l-Opri tal-Ven. Duns Scoto. Ix-xogħol li wettaq f'din il-Kummissjoni xjentifika ġie apprezzat u mfaħħar ħafna mill-magħruf president tagħha Patri Carlu Balic. Imma Patri Fons kien meħtieġ fil-Provinċja bħala Lettur tal-Iskrittura u ta' l-Ilsna Orjentali. Għalhekk kellu jħalli dik il-Kummissjoni ta' fama mondjali u jiġi Malta biex jgħallem lill-istudenti franġiskani. Id-dehen u l-għerf tiegħu malajr ġibdu fuqu il-ħarsa tas-Superjuri ta' l-Ordni u tal-Isqfijiet.

Wara li għamel żmien Segretarju tal-Provinċja u Definitur, insibuh fiż-żmenijiet diffiċli ta' kif spiċċat il-gwerra maħtur Vigarju Provinċjali. Imbagħad mill-ġdid Kustodju, Surmast tal-Kjerċi, Definitur u fl-aħħar Kapitlu, Ministru Pronvinċjali.

Bħala Provinċjal għamel minn kollox biex iżomm 'l fuq il-prestiġju tal-Provinċja maħbuba tiegħu billi jħares b'kull sagrifiċċju l-jeddijiet u l-ġieħ tagħha. Fost il-ħafna inizjativi li ħa mhux ta' min iħalli barra ċ-Ċentru Kattoliku għall-Maltin f'Londra, opra li ma ħallihiex ġebla mhix imqallba biex jaraha mitmuma.

L-Arċisqof ta' Malta għażlu bħala eżaminatur Pro-Sinodali, Ċensur Teologu, u Konfessur Ordinarju u Straordinarju tas-Sorijiet. L-Isqof ta' Għawdex kemm il-darba sejjaħlu bħala eżaminatur fis-Seminarju. Patri Fons huwa wkoll eżaminatur u Membru tal-Kunsill Akkademiku ta' l-Università Rjali.

Iżda l-ħidma tiegħu saċerdotali li għaliha huwa magħruf l-aktar fost il-poplu hija dik ta' konfessur. Għal sigħat u ġranet sħaħ lil Patri Fons issibu fil-Konfessjonarju u jissagrifika vaganzi u kollox biex ma jiddisappuntax lill-penitenti tiegħu.

Quddiem din il-ħidma kollha fit-tmexxija tal-Provinċja, fil-qasam ta' l-istudji u ta' l-apostolat, ma setgħax jonqos li naraw f'din id-data okkażjoni ta' għeluq il-25 sena mill-Ewwel Quddiesa tiegħu mfissra fil-beraħ il-qima ta' uliedu u ta' ħutu l-Patrijiet Minuri flimkien ma' dik tal-kotra ta' erwieħ li bbenefikaw bis-sħiħ miz-zelu tiegħu saċerdotali.

Id-Direzzjoni tal-Perjodiku "L-Art Imqaddsa" ħassitha fid-dmir li ma tħallihiex għaddejja, mingħajr ma tiġi mfakkra, din id-data sabiħa fil-ħajja tal-maħbub Provinċjal Patri Alfons M. Camilleri, li dejjem ħeġġeġ lill-uliedu biex jikkooperaw mal-Kummissarju tat-Terra Santa ħalli jxandru ma' kullimkien il-kobor ta' l-Opra tal-Qabar

ta' Kristu, li hija magħduda bħala l-ġawhra tal-Missjonijiet Franġiskani. U waqt li miegħu tiżżi ħajr lil Alla li silfu tant żmien ta' ħidma għall-ġid tal-Provinċja u ta' l-erwieħ, tixtieqlu: **Ad multos annos.**

FRATER MINOR.

## AĦBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Taħfir qrib il-Baħar Mejjet** — Il-wisq magħruf Arkeologu Dumnikan Patri De Vaux mexxa x-xogħol tat-taħfir li sar dal-aħħar fuq xatt il-Baħar Mejjet qrib għadira żgħira ta' ilma ħelu msemmija Għajn Fiesha. Hemm insabet ħerba ta' bini ta' żmien wieħed mad-dejr ta' l-Essenin li kienu jgħammru f'Qumran. Jidher li qrib dik l-għadira kellhom is-siġar imħawlin u kienu jiżirgħu l-ful u l-ħommos, u hekk ngħaraf kif kienu jiksbu xi ħaġa biex jgħixu f'dak il-barr.

**Hazor u Megiddo** — Fit-taħfir li sar fil-ħerba tal-belt qadima ta' Hazor, fil-Galilija ta' Fuq, ingħaraf ix-xebh kbir li hemm bejn din il-belt u l-belt l-oħra ta' Megiddo u hekk issaħħet il-kitba tal-Bibbja li tgħid li t-tnejn kienu mibnija mnn Salamun. Il-bwieb tal-belt il-waħda u l-oħra huma bħal xulxin sew u jidher li huma xogħol ta' bennej wieħed.

**It-tiswija tal-Qabar ta' Kristu** — Il-taħaq ftehim sħiħ fuq it-tiswija li għandha ssir fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Il-ftehim sar bejn it-tliet Riti l-kbar, Latini (Franġiskani) Griegi u Armeni u kien maħtum jew **iffirmat** mit-tlet Patrijarki. Hemm tama li x-xogħol tat-tiswija jinbeda ma jdumx.

**Żajrat lill-Art Imqaddsa** — In-nies li qegħdin imorru jżuru l-Imkejjen Imqaddsa ma jtqtgħu xejn. Fost ir-Rjus kbar li marru jżuru 'l Ġerusalem dal-aħħar ta' min isemmi Rev.mu P. Anastasio del Rosario, Superjur Ġenerali tal-Karmelitani u lil lir-Rev.mu Patri Vittorio Costantini Ministru Ġenerali tal-Minuri Konventwali.

**Il-paraliżi** — Il-Ħakma tal-Ġordanja (il-biċċa Għarbija tal-Palestina) qalghet tletin elf (30,000) doża tat-tolqim tas-''Salk'' minn għand l-Amerka. Qegħdin ilaqqmu bih lit-tfal kollha ta' dawk il-bliet li fihom dehret il-marda, jiġifieri Ġerusalem, Għamman, Nablus, Irbid u Hebron.

**Iċ-Ċirkonċizjoni tat-tfal Insara** — Fost il-għadd kbir ta' Lhud li daħlu Israel mill-Ungerija u l-Polonja, kien hemm ħafna li kellhom il-mara Nisranija u għal hekk uliedhom ukoll Insara. Għalhekk it-tobba sabu li kien hemm ma' dwar it-tliet elef tifel li ma kellhomx ċirkonċiżjoni. Meta għarfu dan il-Lhud imħeġġa żżejjed talbu lil Gvern li jew jagħmilhielhom, inkella jibgħathom 'il barra. Billi l-akbar għadd tagħhom huma Kattolki, il-Patrijarka Latin, P. Gori, qabeż għalihom. Il Gvern qallu joqgħod moħħu mistrieħ, għax jiktbu x'jiktbu l-gazzetti, lill-Insara ma kienx sa jindaħlilhom.

**Pulitka Lhudija** — Lil dawk il-Lhud li kellhom il-mara Nisranija u wliedhom Insara, il-Gvern Lhudi bagħathom joqogħdu fi rħula fejn hemm Lhud biss u ma jinsabux knejjes Insara. Dan għamlu bil-għan li dawn l-Insara bil-ftit il-ftit jibirdu u weħedhom jaqilbu Lhud mngħajr ma l-Gvern ikun indaħlilhom.